MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 361/2001/1

**Anthony Cassar**

**Vs**

**Pauline Debono**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur is-somma ta' mitejn u tnejn u disghin lira Matlija (Lm292) rapprezentanti sehmu mis-senserija fuq it-trasferiment tal-permess mill-kwota tal-majjali li kienu proprjeta' ta' Toni Tonna mill-Imqabba.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-6 ta' April 2001 u bl-imghax legali mid-data tat-trasferiment imsemmi.

Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 11 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi l-esponenti mhijiex debitrici tal-attur, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-ammont rikjest mill-attur mhuwiex dovut mill-esponenti stante illi l-konvenuta la akkwistat u l-anqas bieghet ebda propjeta' tramite l-attur.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-abili difensur tal-konvenuta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u>, permezz ta' 'affidavit' bil-miktub a fol 15 tal-atti jsostni illi l-kugin tieghu, Toni Tonna kien talbu sabiex jghinu jbiegh ghoxrin (20) kota (ossija kwota) ta' majjali bil-prezz ta' Lm1500 kull wahda. Hawnhekk l-attur accetta u qal lill-istess Tonna li kien ser jkellem 'xi sensala' ossija lill-konvenuta. Ghalhekk hu kien mar ghand il-konvenuta, f'hanut gestit minnha, u kien informaha b'dak li kien qalilha Toni Tonna. Hi oltre li qaltlu li kienet interessata kienet ippromettiet lill-attur illi "… jekk naqilaw lira naqsumha', liema diskors kien intqal quddiem certu Gulju Zammit li kien fl-istess hanut. Wara l-istess diskors, hu kien ha lill-konvenuta ghand Toni Tonna u fil-presenza ta' dan, skond l-attur, il-konvenuta irrepetiet l-istess diskors fis-sens li s-senserija kellha tkun ta' wiehed fil-mija (1%) minn kull parti u 'kellha tinqasam bejnha u bejnu'. Sussegwentement u ad insaputa tieghu, l-konvenuta kienet iltaqat ma 'persuna miz-Zejtun' li kien interessata f'dan in-negozju, sabiex jiltaqa ma' Toni Tonna, presenti l-konvenuta biss. Skond l-attur, li ma kienx presenti, kien intlahaq ftehim bil-prezz jkun Lm1450 kull majjala b'kollox Lm29,000. Difatti kien l-istess Tonna li

informah dwar dan u kien qallu ukoll illi kemm hu kemm ix-xerrej kienu hallsu Lm290 kull wiehed lill-konvenuta. Meta, pero, kien mar jitkellem mal-konvenuta, din kienet qaltlu li ma kienetx ser thallsu skond kif miftiehem bejn l-attur l-istess konvenuta.

Illi, in sostenn ta' dak li xehed, l-attur ipproduca lil Gulju Zammit (fol 28 et seq ibid). Dan qal illi kien sema' lill-attur jghid lill-konvenuta li kien hemm xi majjali ta' certu Toni Tonna li kienu ghal bejgh u lill-konvenuta tghid lill-attur "… li jekk jkun hemm lira naqsmuha", jigi notat illi, fil-kontroesami, dan ix-xhud semma li hu imparentat mal-attur ossija li l-attur hu "… hu ommi', u li mar fil-hanut flimkien mieghu. Inoltre semma ukoll illi hu kellu kugin bl-isem ta' Michael li pero, ma kienx presenti waqt id-diskors li hu sema' bejn zijuh, l-attur, u l-konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, difatti, pproduciet bhala xhud lill-certu Michael Bezzina (fol 45 ibid). Dan xehed illi hu kien interessat li jixtri kwota majjali minghand iz-ziju tax-xhud cjoe Toni Tonna. Difatti hu kien talab lill-konvenuta sabiex tintervjeni f'dan in-negozju peress illi hu kien iggieled mal-istess zijuh u ma setax javvicinah. Dwar l-istess negozju, ix-xhud kien informa lill-konvenuta illi jekk jintlahaq ftehim, kellu bzonn li jissellef il-flus tal-prezz miftiehem. Xi xahrejn wara, kien rega' ltaqa' mal-konvenuta u dan tkellem dwar l-istess negozju. Dak il-hin ix-xhud jghid illi kien hemm presenti l-attur 'u semghana nitkellmu fuq il-kwota tal-majjali'. Ghalhekk ix-xhud kien qal lill-konvenuta sabiex '.. iddawwar id-diskors … peress li Cassar jigi l-kugin ta' Toni Tonna". Sussegwentement, wara li l-attur kompla ".. jiddeffes …", il-konvenuta kienet qalet lill-attur '… li kienet taf minn kien (Toni Tonna) u ghalhekk ma kellha bzonn xejn'. Fl-ahhar nett hu semma' li t-trattativi bejn il-konvenuta u Toni Tonna ma kellhomx ezitu posittiv in vista li Toni Tonna, zijuh, ried il-hlas fil-pront waqt li hu ma kienx irnexxilu jissellef il-flus necessarji ghall-akkwist.

Illi l-konvenuta (fol 46 u fol 47 ibid) ikkonfermat ix-xhieda ta' Michael Bezzina. Inoltre, wara li n-negozju mal-istess

Bezzina ma kienx sehh, hi kienet kompliet tfittex akkwirent ghall-majjali billi anke ghamlet avvizi fuq gazzetti. Wara li ghaddew madwar disgha xhur hi kienet sabet persuna mill-Fgura li kienet interessata fl-akkwist tal-istess majjalli u filfatt kien intlahaq ftehim skond kif jidher mill-anness dokument a fol 48 tal-atti. Ghalhekk, il-konvenuta qed issostni li kienet saret taf bil-kwota majjali mhux minghand l-attur izda minghand Michael Bezzina u ‘ghalhekk lanqas ma qatt wieghedt xi haga lill-attur’.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher illi t-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Difatti:-

a) L-attur kellu l-obbligu, skond il-ligi li jipprova, fuq basi ta’ probabilta’, illi kien hemm il-ftehim li hu jallega li sar bejnu w l-konvenuta dwar il-qsim tas-senserija imhallsa lill-konvenuta (ara l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta). Mill-analisi tal-provi prodotti, l-Qorti ma hiex sodisfatta illi kien hemm tali ftehim tenut kont tan-nuqqas ta’ xi prova aktar affidabbli mix-xhieda tal-attur stess u ta’ Gulju Zammit.
b) Mill-lat legali, sabiex l-attur seta’ jivvanta dritt ghal senserija, hu kellu jipprova illi l-ftehim bejn Toni Tonna u l-persuna l-ohra cjoe Felix Garzia kien intlahaq bl-intervent dirett tieghu fit-trattativa liema intervent eventwalment irrizulta fi ftehim finali bejn il-partijiet almenu f’dak li jirrigwarda l-prezz. Pero dan mill-provi, bl-ebda mod ma irrisulta.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta’ dak kollu premess ma tistax tigi akkolta t-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------